MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Numru. 1105/2012

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Olatunji Alakoso, iben Alakoso mwieled Lagos, in-Niġerja fil-21 ta' Jannar, 1983, karta ta' l-identita' numru 46167A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-sena 2011, kif ukoll fix-xhur ta' wara u fix-xhur ta' qabel, f'Malta ta jew ġagħal jagħti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni;
2. talli taħt l-istess ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' April, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammisjoni bikrija u il-fedina penali netta. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikiolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------